**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/067 |
| **Allegazzjoni:** | Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali |
| **Ilmentatur:** | L-Onor. Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-Ilment:** | 10 ta' Settembru 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 11 ta' April 2025 |

**L-Ilment**

1. Fl-10 ta' Settembru 2024, l-Onor. Dr Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jilmenta dwar riklam tal-gvern li deher fuq is-sit soċjali Facebook. Ir-riklam ħa l-forma ta' filmat li ġie mxandar permezz ta' sponsored post li tgħid "*10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies*".

2. L-Ilmentatur qal li f'dan il-filmat jidhru l-Prim Ministru, l-Onor. Dr Robert Abela, u disa' ministri u segretarji parlamentari. L-Ilmentatur allega li dan "*jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Prim Ministru u mill-imsemmija Ministri u Segretarji Parlamentari*."

3. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument 1**, flimkien ma' screenshots li ttieħdu mill-Ilmentatur minn fuq Facebook u li juru r-riklam u dettalji dwaru.

4. L-isponsored post bil-filmat ittella' fil-paġna uffiċjali tal-gvern ta' Malta fuq Facebook, intitolata MaltaGov, fis-6 ta' Settembru 2024. "Sponsored post" tfisser li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li jamministra din il-paġna, ħallas biex il-filmat ikollu ċirkolazzjoni usa' min-normal fost dawk li jużaw Facebook. Sponsored post tammonta għal riklam.

5. Il-filmat huwa twil minuta u erba' sekondi u jikkonsisti f'kitba dwar għaxar inizjattivi tal-gvern, grafika, u sensiela ta' ritratti (still photographs).[1] Uħud minn dawn ir-ritratti juru ministri u segretarji parlamentari, kif elenkat taħt:

| Kitba fil-filmat | Min jidher fir-ritratt relevanti |
|---|---|
| Servizz professjonali mingħajr ħlas ta' avukati u periti għal dawk milquta mill-kostruzzjoni | Il-Prim Ministru Robert Abela u l-Ministru Jonathan Attard |
| Se jiġi estiż il-park tal-familja ta' Bengħajsa f'Birżebbuġa b'7,000 metru kwadru u t-tħawwil ta' 'l fuq minn 140 siġra | Il-Ministru Miriam Dalli |
| Regolamenti ġodda għaż-zoos favur il-ħarsien tad-drittijiet tal-annimali | Il-Ministru Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said |
| Implimentati emendi li se jassiguraw kera b'dinjità u stabbiltà, jirregolaw fost oħrajn in-numru ta' persuni li jistgħu jokkupaw dar mikrija | Il-Ministru Roderick Galdes |
| Tagħmir ġdid avvanzat li se jkompli jtejjeb l-indafa pubblika | L-eks Ministru Clayton Bartolo u s-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield |
| Komplejna ninfurzaw il-liġijiet b'rabta mal-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabbilimenti f'postijiet pubbliċi | — |
| Rajna li diżabilitajiet moħbija issa se jkunu jistgħu jgawdu minn għajnuna soċjali wara assessjar | — |
| CT scan ġdid għal dijanjosi aktar ċara għall-mard tal-kanċer u l-qalb | Il-Ministru Jo Etienne Abela |
| €800,000 għall-għaqdiet voluntarji li japplikaw għal aktar proġetti fil-komunità | — |
| Ġnien ieħor riġenerat għall-familji fil-Mosta | Is-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia |

6. Kull ritratt idum jidher fil-filmat għal mhux aktar minn ftit sekondi. Fejn jidher ministru jew segretarju parlamentari, dan ma jiġix identifikat b'ismu, u f'ħafna każi jidher flimkien ma' persuni oħra.

[1] Il-filmat huwa aċċessibbli minn https://www.facebook.com/MaltaGov/videos/1222156288937840.

## Il-Kuntest

7. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar riklam tal-gvern li deher f'diversi gazzetti. Ir-rapport ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.[2] Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

8. Il-membri tal-Kumitat ivvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala president tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena. B'hekk ir-rapport ma ġiex adottat mill-Kumitat. L-Ispeaker spjega l-astensjoni tiegħu billi qal li kien hemm bżonn linji gwida li jistabbilixxu kriterji ċari dwar kif għandhom isiru r-riklami.[3]

9. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika dokument intitolat *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dan id-dokument jgħid li l-linji gwida miġbura fih ma jirrappreżentawx regoli ġodda, iżda jindikaw biss kif għandu jiġi interpretat il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari f'każi li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern.[4]

10. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami mħallsa minn fondi pubbliċi.[5] Il-Kumitat għall-Istandards wasal għal deċiżjoni dwar dan il-każ fit-28 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Il-membri tal-Kumitat reġgħu inqasmu tnejn favur u tnejn kontra r-rapport tal-

---

[2] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf.

[3] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2021/May/03/pr210819/pr210819a.pdf.

[4] Ara l-paragrafu 1.3 tal-linji gwida, li huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

[5] Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

Kummissarju, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker ibbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[6]

11. Sadanittant is-sottoskritt kien inħatar Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Fit-18 ta' Lulju 2023 huwa kiteb lill-Ispeaker biex jirrakkomanda li l-linji gwida in kwistjoni jingħataw ix-xejra ta' regoli u jiġu nklużi bħala addenda fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). B'hekk il-linji gwida jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom.

12. Fl-ittra tiegħu is-sottoskritt irrefera għaż-żewġ każi msemmija fuq u qal:

> *Fiż-żewġ każi l-Kumitat interpreta d-dispożizzjonijiet relevanti b'mod ristrett iżżejjed, bħallikieku kien qed japplika l-prinċipji tal-liġi kriminali għall-kamp tal-etika. Fil-fehma tiegħi, dan mhux korrett. L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika juri b'mod ċar li allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika m'għandhomx jiġu trattati qishom akkużi kriminali. L-implikazzjonijiet u r-reperkussjonijiet ta' allegazzjoni ta' ksur ta' etika u allegazzjoni ta' reat huma għal kollox differenti u m'għandhomx jiġu ttrattati jew regolati bl-istess mod. L-etika tmur lil hinn mill-osservanza stretta tal-liġi.*
>
> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[7]

13. Din ir-rakkomandazzjoni saret taħt l-artikolu 13(1)(g) tal-Att, iżda l-Kumitat baqa' qatt ma ħa deċiżjoni dwarha.

---

6 Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf.

7 Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

14. Is-sottoskritt sab ksur ta’ etika marbut ma’ riklami pubbliċi f’erba’ każi, għad li l-ksur ma kienx ta’ natura gravi u għalhekk seta’ jiġi applikat l-artikolu 22(5) tal-Att. Bis-saħħa ta’ dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista’ jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta’ xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta’ etika b’mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

15. Tnejn minn dawn l-erba’ każi ngħalqu mis-sottoskritt taħt l-artikolu 22(5) wara li rċieva apoloġija mill-persuna investigata.[8] F’każ minnhom il-ministru konċernat saħansitra ħallas lura l-ispejjeż tar-riklam minn butu.

16. Is-sottoskritt ma rċeviex apoloġija fiż-żewġ każi l-oħra, u għalhekk kellu jirreferihom lill-Kumitat għall-Istandards.

17. Wieħed minn dawn il-każi ġie deċiż mill-Kumitat fis-7 ta’ Novembru 2024. Il-membri tal-Kumitat għal darb’oħra vvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker reġa’ bbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta’ Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[9] Dan kien minkejja li fir-rapport tiegħu, is-sottoskritt qal li ma kellux għalfejn jirreferi għal-linji gwida biex jikkonkludi li kien hemm ksur ta’ etika f’dan il-każ, għaliex din il-konklużjoni kienet evidenti meta jitqies il-kontenut tal-filmat relevanti.[10]

18. Ir-raba’ każ għadu pendenti quddiem il-Kumitat.[11]

### Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

19. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta’ Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari:

---

8 Rapport dwar il-każ K/045 (maħruġ fl-14 ta’ April 2023), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K045.pdf; u rapport dwar il-każ K/053 (maħruġ fl-14 ta’ Novembru 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k053.pdf.

9 Traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta’ Novembru 2024 (aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/132039/20241107_011d_sta.docx), paġni 2–5.

10 Ara l-paragrafi 19(a) u 29 tar-rapport dwar il-każ K/052 (4 ta’ Marzu 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K052.pdf.

11 Rapport dwar il-każ K/069, sottomess lill-Kumitat fl-24 ta’ Marzu 2025.

*4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

*4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* […]

20. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

*1.5 These guidelines do not cover all situations that might possibly arise, and the absence of guidelines on any matter does not exonerate ministers from their obligation to observe the Ministerial Code in all circumstances. The Commissioner will continue to consider alleged breaches of ethics that are not covered by these guidelines with direct reference to the Ministerial Code and the Act.*

*2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]

*(c) boosted or sponsored posts on social media;* [...]

*3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

21. Is-sottoskritt deherlu li kellu jirreferi l-ilment lill-Onor. Prim Ministru peress li l-paġna fuq Facebook fejn deher ir-riklam hija amministrata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

22. Is-sottoskritt kiteb lill-Prim Ministru fl-20 ta' Settembru 2024 sabiex jirreferilu l-ilment. L-ittra hija annessa bħala d-**Dokument 2**. Din l-ittra rriferiet għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali u tal-linji

gwida. L-ittra talbet lill-Prim Ministru jagħti l-veduti tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilment, u jgħid ukoll:

(a) x'kienu l-ispejjeż għall-produzzjoni tal-filmat, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati max-xandir tiegħu;

(b) jekk jikkonsidrax li d-dehra fil-filmat tiegħu u tal-ministri u segretarji parlamentari involuti kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(ċ) jekk ir-riklam in kwistjoni kienx jirrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-Eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali; u

(d) jekk ir-riklam kienx jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna uffiċjali tal-gvern ta' Malta fuq Facebook u l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

23. Il-Prim Ministru ntalab iwieġeb sa mhux aktar tard mit-18 ta' Ottubru 2024, iżda bi żvista, l-ilment ma ġiex anness mal-ittra ta' dan l-Uffiċċju. Għalhekk, permezz ta' ittra sussegwenti (**Dokument 3**), dan it-terminu ġie estiż sad-29 ta' Novembru 2024. Il-Prim Ministru wieġeb (**Dokument 4**) biex jgħid li l-ittra oriġinali ta' dan l-Uffiċċju ma kinitx inġabet għall-attenzjoni tiegħu, u ntrabat li jweġibha sad-data in kwistjoni.

24. Il-Prim Ministru wieġeb b'mod sostantiv permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2024 (**Dokument 5**). F'din l-ittra l-Prim Ministru qal fost affarijiet oħra li l-filmat ma jinkludi ebda kontenut partiġġjan u jipprovdi tagħrif fattwali dwar miżuri mwettqa mill-gvern li ma jqanqlu ebda kontroversja politika. Il-filmat sar bl-għan uniku li l-gvern iżomm il-pubbliku mgħarraf bil-ħidma tiegħu, kif inhu obbligat jagħmel.

25. Il-Prim Ministru qal ukoll li mkien fil-filmat ma jidher ministru jew segretarju parlamentari waħdu. Fejn jidher ministru jew segretarju parlamentari, dan evidentement mhux bl-iskop li ssir xi propaganda politika personali għalih, iżda għaliex ir-ritratti fil-filmat jikkonċernaw proprju l-avvenimenti pubbliċi u uffiċjali fejn ġew imħabbra, imnedija jew implimentati l-miżuri li jissemmew fil-filmat.

26. Il-Prim Ministru allega li l-ilment jirrappreżenta sforz min-naħa ta' esponenti tal-oppożizzjoni li jxekklu l-gvern fil-komunikat tiegħu mal-pubbliku, kif sar anki fir-rigward tax-xandir ta' spots informattivi dwar il-budget għas-sena 2025. Hawnhekk il-Prim Ministru rrefera għal digriet tal-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili datata 11 ta' Novembru 2024 dwar il-mandat ta' inibizzjoni numru 1768/2024/1, u hemeż kopja tad-digriet mal-ittra tiegħu.

27. Fir-rigward tal-linji gwida ta' Awwissu 2021, il-Prim Ministru qal li dawn ma jistgħux joħolqu regoli ġodda distinti mid-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali, wisq inqas jissuperawhom. L-aderenza riġida ma' linji gwida b'mod li ma jippermettix li każ jiġi distint minn ieħor jammonta għal "*fettering of discretion*" u jġib in-nullità tad-deċiżjoni abbażi ta' żball ta' liġi. Il-linji gwida jippermettu l-inklużjoni tal-ismijiet u r-ritratti ta' ministri fil-każ ta' materjal promozzjonali iżda mhux riklam, imma l-kodiċi ta' etika ministerjali ma jagħmel ebda distinzjoni ta' din ix-xorta u lanqas ma joħloq restrizzjonijiet fuq l-użu tal-ismijiet jew ir-ritratti ta' ministri.

28. Il-Prim Ministru għamel paragun mal-Att dwar ix-Xandir, li jaħseb għal ċirkostanzi fejn il-gvern għandu d-dritt ixandar avviżi fuq il-mezzi tax-xandir. Huwa qal li dawn ix-xandiriet qatt ma tqiesu riklami, anki meta kien jidher fihom membru tal-Kabinett kif ġara taħt amministrazzjonijiet differenti. Il-filmat m'għandux jitqies bħala riklam, u huwa dibattibbli anki kemm għandu jitqies bħala materjal promozzjonali għall-finijiet tal-linji gwida.

29. Il-Prim Ministru kkonkluda billi qal li għal dawn ir-raġunijiet, jirriżulta biċ-ċar li l-ilment huwa fieragħ u infondat u għandu jiġi miċħud.

30. Fl-ittra tiegħu, il-Prim Ministru qal ukoll li l-ispiża tax-xandir tal-filmat kienet tammonta biss għal €49.96.

31. Fit-13 ta' Frar 2025, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Prim Ministru (**Dokument 6**) biex jikkonferma li dan l-ammont kien jirreferi biss għan-nefqa fuq ix-xandir tal-filmat, u jistaqsi kemm kienet in-nefqa fuq il-produzzjoni tal-filmat. Il-Prim Ministru wieġeb l-għada, 14 ta' Frar 2025 (**Dokument 7**). Huwa qal li ma kien hemm ebda spiża addizzjonali fuq il-filmat għaliex dan inħadem internament minn materjal arkivjat.

32. Fit-28 ta' Marzu 2025, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Prim Ministru (**Dokument 8**) biex joffrilu l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet finali. Il-Prim Ministru wieġeb permezz ta' email fl-1 ta' April 2025 (**Dokument 9**) biex jgħid li ma kienx hemm il-ħtieġa li jagħmel dan peress li r-risposta tiegħu tad-29 ta' Novembru 2024 (Dokument 5) kien fiha sottomissjonijiet eżawrjenti.

**Konsiderazzjonijiet**

33. Is-sottoskritt ma kienx sodisfatt bil-ġustifikazzjoni għall-filmat li tressqet mill-Prim Ministru. Ir-raġunijiet huma dawn li ġejjin:

(1) Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura tal-Gvern, dan faċilment jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida maħruġa minn dan l-Uffiċċju fit-2 ta' Awwissu 2021 jgħidu li riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi m'għandhomx jinkludu r-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri.

(2) F'dan il-kuntest, il-kelma "ministru" tinkludi kwalunkwe membru tal-Eżekuttiv, inkluż il-Prim Ministru u segretarji parlamentari. Il-filmat li huwa s-suġġett tal-ilment deher fil-paġna fuq Facebook intitolata MaltaGov, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Prim Ministru.

(3) Huwa minnu li l-Gvern għandu obbligu li jipprovdi informazzjoni. Madankollu, dan ma jiġġustifikax kwalunkwe riklam li jista' jsir mill-Gvern.

(4) Id-dehra ta' ministri fil-filmat li huwa s-suġġett tal-ilment ma tistax tiġi ġustifikata sempliċiment għaliex intużaw ritratti ta' avvenimenti uffiċjali marbuta mal-miżuri li jissemmew fil-filmat. Setgħu faċilment intużaw ritratti oħrajn fil-filmat, li b'hekk kien iwassal l-istess messaġġ mingħajr ma jidhru ministri fih.

(5) Kif jindika l-punt preċedenti, il-kapaċità tal-gvern li jwassal messaġġi dwar materji ta' interess pubbliku ma tiddependix fuq l-inklużjoni ta' ministri f'riklami uffiċjali. L-ilment ma jittrattax dwar ir-riklam fih innifsu iżda dwar il-fatt li jidhru diversi ministri fih. Għalhekk l-allegazzjoni li l-Ilmentatur qed jipprova jxekkel il-komunikazzjoni tal-gvern mhix relevanti għall-konsiderazzjoni tal-ilment.

(6) Il-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 mhumiex maħsuba biex jissostitwixxu jew jissuperaw il-kodiċi ta' etika ministerjali, u lanqas biex joħolqu regoli ġodda distinti minnu. Il-linji gwida huma maħsuba biex jindikaw kif dan l-Uffiċċju għandu jinterpreta l-kodiċi f'każi li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali maħruġ mill-gvern, sabiex tinħoloq ċertezza f'dan il-qasam. Dan hu spjegat fil-paragrafu 1.3 tal-istess linji gwida.

(7) L-użu tal-linji gwida ma jfissirx li dan l-Uffiċċju ma baqax japplika l-ġudizzju tiegħu dwar kull każ skont il-merti tiegħu. Infatti, fid-9 ta' Jannar

2024 dan l-Uffiċċju ma laqax l-ilment numru 132 dwar ix-xandir ta’ intervista mogħtija mill-Prim Ministru, minkejja li f’dak il-każ ma ġewx segwiti l-linji gwida, għaliex deherlu li dak il-każ ma kienx jinkwadra sew fid-dispożizzjonijiet tagħhom.

(8) Id-distinzjoni fil-linji gwida bejn riklami u materjal promozzjonali toħroġ mill-wisgħa tat-terminu “materjal promozzjonali”. Il-linji gwida huma maħsuba biex ma jeskludux prattiċi ġustifikabbli bħal, per eżempju, l-inklużjoni ta’ introduzzjoni miktuba minn ministru f’pubblikazzjoni uffiċjali tal-gvern (sakemm ma tinħoloqx l-impressjoni li l-għan veru tal-pubblikazzjoni huwa biex il-ministru jakkwista pubbliċità personali).

(9) Il-linji gwida joħorġu mill-artikoli 4.9, 4.10, 5.3, 5.6, 5.7 and 7.4 tal-kodiċi ta’ etika ministerjali, kif jispjega l-paragrafu 1.4 tal-istess linji gwida. Il-linji gwida jgħidu b’mod espliċitu dak li għandu jkun evidenti anki fl-assenza tagħhom, jiġifieri li dawn id-dispożizzjonijiet jew uħud minnhom ikunu qed jinkisru jekk ministru jakkwista pubbliċità personali permezz ta’ riklam imħallas minn fondi pubbliċi.

(10) Dan huwa sostnut mill-artikolu 2 tal-kodiċi, li jgħid li l-iskop tal-istess kodiċi huwa li “*jiġu rispettati l-aqwa standards ta’ integrità, onestà, trasparenza, kontabilità u sens ta’ ġustizzja*”. In konformità ma’ din id-dispożizzjoni, ir-riklami uffiċjali għandhom isiru b’tali mod li ma jqajmu ebda dubju dwar l-għan veru tagħhom.

(11) Kif diġà ngħad f’dan ir-rapport, il-filmat li huwa s-suġġett tal-ilment preżenti xxandar permezz ta’ sponsored post, jiġifieri l-gvern ħallas biex il-filmat jilħaq udjenza li ma kinitx tarah fl-assenza tal-ħlas. Dan bla dubju jammonta għal riklam, sew skont is-sens komun u sew skont il-paragrafu 2.3(c) tal-linji gwida, li jinkludi “*boosted or sponsored posts on social media*” fid-definizzjoni ta’ riklam.

(12) Il-prinċipju li ministru m’għandux jidher f’riklam uffiċjali jinsab anki fid-digriet tal-Qorti dwar il-mandat ta’ inibizzjoni 1768/2024/1, li huwa anness mal-ittra tal-Prim Ministru. Dan id-digriet jgħid “*kull spot ta’ budget huwa politiku, jrid però jiġi kkontrollat il-grad ta’ din id-dosa u rispettat il-bilanċ a favur l-oppożizzjoni fir-rigward. Għalhekk fuq il-grad ta’ politika li jkun infiltrata fi spots dwar il-budget ma tistax ma taqbilx mar-rikorrenti li fejn fil-USB jidher reklam li saħansitra jikkontjeni spjega mill-Prim Ministru tal-ġurnata, dan bħala spot żgur jilħaq livelli mhux desiderabbli in tematika*.” Fi kliem ieħor, il-Qorti qegħda tgħid li għalkemm kull riklam dwar il-budget jista’ jitqies politiku, hemm

tragward li m'għandux jinqabeż, u dan ikun qed jinqabeż jekk jidher il-Prim Ministru fir-riklam.

34. Għalhekk is-sottoskritt deherlu li dan il-każ jirrappreżenta użu ħażin ta' fondi pubbliċi, għalkemm ta' ammont żgħir; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura amministrattiva normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku.

35. Madankollu, in vista tal-qosor tal-filmat u l-ammont limitat li ntefaq fuqu, is-sottoskritt deherlu wkoll li dan il-każ jista' jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

## Korrispondenza Sussegwenti mal-Prim Ministru

36. Fl-4 ta' April 2025, is-sottoskritt kiteb lill-Prim Ministru biex jinfurmah b'dawn il-konsiderazzjonijiet u jipproponi li l-każ jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att permezz ta' apoloġija bil-miktub. Din l-ittra hija annessa bħala d-**Dokument 10**.

37. Il-Prim Ministru wieġeb permezz ta' email fis-7 ta' April 2025 (**Dokument 11**). Huwa qal "*Il-posizzjoni tiegħi hi identika għal dik espressa minni fil-każ l-ieħor K/052 (ilment 141).*" Fil-każ imsemmi,[12] intalbet apoloġija mingħand il-Prim Ministru iżda ma pprovdihiex, u għalhekk il-każ ġie riferut lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

## Konsiderazzjonijiet Finali

38. Ġaladarba l-Prim Ministru m'aċċettax il-proposta li dan il-każ jiġi konkluż b'apoloġija taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, is-sottoskritt jidhirlu li għandu jirreferi l-każ lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

39. F'dan il-kuntest, is-sottoskritt itenni l-veduti li huwa esprima fl-ittra tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023. Is-sottoskritt itenni wkoll ir-rakkomandazzjoni tiegħu li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 għandhom jiġu nklużi fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

[12] Ara n-nota 10 fuq.

40. Fil-fehma tas-sottoskritt, it-twettiq ta' din ir-rakkomandazzjoni sar aktar importanti fid-dawl ta' żewġ żviluppi legali. L-ewwel wieħed huwa d-digriet tal-Qorti dwar il-mandat ta' inibizzjoni numru 1768/2024/1. B'dan id-digriet il-Qorti affermat il-prinċipju li l-ministri m'għandhomx jidhru f'riklami tal-gvern, kif diġà indikat f'dan ir-rapport.

41. It-tieni żvilupp huwa l-adozzjoni mill-Unjoni Ewropea tar-Regolament (UE) 2024/900 dwar it-trasparenza fir-riklami politiċi. Dan ir-regolament ġie adottat f'Marzu tal-2024 u se jorbot lil kull pajjiż membru minn Ottubru tal-2025 'il quddiem. Skont dan ir-regolament, reklam politiku għandu jiġu identifikat b'mod ċar bħala tali, u għandu jkun akkumpanjat minn avviż li jgħid fost affarijiet oħra kemm jiswa r-riklam u min ħallas għalih.[13]

42. Fil-fehma tas-sottoskritt, huwa possibbli li riklam uffiċjali tal-gvern li jagħti pubbliċità personali lil xi ministru jitqies bħala riklam politiku skont id-definizzjoni fir-regolament. Dan jista' potenzjalment iwassal għal proċeduri kontra l-gvern ta' Malta minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regolament. Għalhekk huwa fl-interess nazzjonali li r-riklami tal-gvern jiġu regolati lokalment b'mod li ma jqumux aktar dubji dwar l-għan veru tagħhom.

43. Sakemm is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi fil-preżent, is-sottoskritt bi ħsiebu jkompli jinterpreta l-kodiċi ta' etika ministerjali fid-dawl tal-linji gwida f'każi li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern.

**Konklużjonijiet**

44. Għar-raġunijiet mogħtija f'dan ir-rapport, is-sottoskritt wasal għall-konklużjoni li l-filmat u l-isponsored post li huma s-suġġett tal-ilment jirrappreżentaw ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, għalkemm b'mod pjuttost leġġer.

45. Is-sottoskritt talab apoloġija mingħand il-Prim Ministru bil-għan li jikkonkludi l-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Ġaladarba ma ngħatatx apoloġija, dan ir-rapport qed jiġi sottomess lill-Kumitat

---

[13] Ara https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/03/11/eu-introduces-new-rules-on-transparency-and-targeting-of-political-advertising/. Ir-regolament innifsu huwa aċċessibbli minn https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202400900&qid=1744272335599.

għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3) tal-istess Att għall-konsiderazzjoni tiegħu skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

46. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat fit-2 ta' April 2019, dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-Ilmentatur u lill-Prim Ministru li r-rapport ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopja tiegħu. Huwa rakkomandat li:

(a) il-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza; u

(b) il-Kumitat jagħti bidu għall-proċess imsemmi fl-artikolu 3(4) tal-Att biex il-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jiġu inkorporati fil-kodiċi ta' etika ministerjali, kif indikat fl-ittra tas-sottoskritt tat-18 ta' Lulju 2023.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument 1 | Ittra datata 10 ta' Settembru 2024 mingħand l-Onor. Dr Karol Aquilina. |
| Dokument 2 | Ittra datata 20 ta' Settembru 2024 lill-Prim Ministru. |
| Dokument 3 | Ittra datata 30 ta' Ottubru 2024 lill-Prim Ministru. |
| Dokument 4 | Ittra datata 31 ta' Ottubru 2024 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument 5 | Ittra datata 29 ta' Novembru 2024 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument 6 | Ittra datata 13 ta' Frar 2025 lill-Prim Ministru. |
| Dokument 7 | Ittra datata 14 ta' Frar 2025 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument 8 | Ittra datata 28 ta' Marzu 2025 lill-Prim Ministru. |
| Dokument 9 | Email datata 1 ta' April 2025 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument 10 | Ittra datata 4 ta' April 2025 lill-Prim Ministru. |
| Dokument 11 | Email datata 7 ta' April 2025 mingħand il-Prim Ministru. |

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

10 ta' Settembru 2024

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar reklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari**

Minn nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2024, fuq is-siti soċjali Facebook u Instagram beda jidher reklam imħallas minn fondi pubbliċi permezz tal-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta aċċessibbli fl-indirizz: https://www.facebook.com/MaltaGov

Ir-reklam huwa fil-forma ta' filmat bit-titlu "10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies" u fih jidhru:

1. Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela;
2. Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard;
3. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli (li tidher darbtejn);
4. Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo;
5. Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said;
6. Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes;
7. Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo;
8. Is-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika, l-Onor. Glenn Bedingfield;
9. Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela; u
10. Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia.

Il-filmat sħiħ huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/MaltaGov/videos/1222156288937840

Mehmuż għandek issib numru ta' *screenshots* tas-sit soċjali Facebook li juru kif l-imsemmi filmat ġie wżat bħala reklam bi ħlas minn fondi pubbliċi (immarkati bħala Dok. A) kif ukoll l-informazzjoni sħiħa dwar ir-reklam imħallas minn fondi pubbliċi (immarkata bħala Dok. B) u li hija wkoll aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/ads/library/?active_status=active&ad_type=all&country=ALL&media_type=all&search_type=page&source=page-transparency-widget&view_all_page_id=735396419870282

Kif m'għandix dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.

4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.

[...]

5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.

[...]

7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

M'għandix dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

2.3 *Inter alia*, government advertising may include:

[...]

(c) boosted or sponsored posts on social media;

[...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

[...]

3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –

[...]

(c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

Fil-fehma tiegħi r-reklam li huwa s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mill-Prim Ministru u mill-imsemmija Ministri u Segretarji Parlamentari.

Ippermettli nfakkrek u nenfasizza miegħek li fir-rapport tal-Każ Nru K/045 dwar pubblikazzjoni ta' reklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana, inti kont ikkonkludejt hekk:

"24. Jekk ministru *jidher* f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta'

rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.

25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.".

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja


MaltaGov
Sponsored ·
1 0 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Servizz professjonali
mingħajr ħlas ta'
avukati u periti
għal dawk milquta
mill-kostruzzjoni
0:07 / 1:04


MaltaGov
Sponsored ·
1 0 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
u t-tħawwil ta' 'l fuq
minn 140 siġra
0:14 / 1:04


MaltaGov
Sponsored ·
10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Regolamenti
ġodda għaż-zoos
favur il-ħarsien
tad-drittijiet tal-annimali
animal welfare
egolamenti dwar
mma ta' Annimal
0:19 / 1:04


MaltaGov
Sponsored ·
10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Implimentati emendi li se jassiguraw
kera b'dinjità u
stabbiltà
0:24 / 1:04


MaltaGov
Sponsored ·
10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Tagħmir ġdid
avvanzat li se jkompli jtejjeb
l-indafa
0:34 / 1:04


MaltaGov
Sponsored ·
10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
CT Scan
ġdid
0:49 / 1:04


MaltaGov
Sponsored ·
1 0 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Ġnien ieħor riġenerat
għall-familji fil-Mosta
1:04 / 1:04

Meta    Ad Library    Ad Library report    Ad Library API    Branded content

**Ad details**

Library ID: 2217559201957386

Active

Started running on 6 Sep 2024

Platforms

**MaltaGov**
Sponsored
Library ID: 2217559201957386

1 0 miżuri oħra ta' ġid għan-nies




## European Union transparency

We provide additional information for ads that were shown on Meta technologies anywhere in the EU.

### EU ad audience

**Location**

Advertisers can target their ads to certain audiences based on their country, county/region, postcode or town/city.

All location types    Included Excluded

| Location | Location type | Included or excluded |
|---|---|---|
| Malta | Country/region | Included |

**Age**

18-65+ years old

Advertisers can choose a minimum and maximum age of who will be shown an ad.

**Gender**

All

Advertisers can choose to target their ad based on gender

Close

Meta — Ad Library | Ad Library report | Ad Library API | Branded content

**Ad details**

Library ID: 2217559201957386

Active

Started running on 6 Sep 2024

Platforms

**MaltaGov**
Sponsored
Library ID: 2217559201957386

10 miżuri oħra ta' ġid għan-nies




**Gender**

All

Advertisers can choose to target their ad based on gender.

## EU ad delivery

**Reach**

26,940

The number of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad at least once. Reach is different from impressions, which may include multiple views of your ads by the same Accounts Centre accounts. This metric is estimated.

**Reach by location, age and gender**

The demographic breakdown of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad.

| Location | Age range | Gender | Reach |
|---|---|---|---|
| Malta | 35-44 | Unknown | 35 |
| Malta | 35-44 | Male | 2221 |
| Malta | 35-44 | Female | 1765 |
| Malta | 18-24 | Unknown | 9 |

Close


Meta
Ad Library
Ad Library report
Ad Library API
Branded content
Ad details
Library ID: 2217559201957386
Active
Started running on 6 Sep 2024
Platforms
MaltaGov
Sponsored
Library ID: 2217559201957386
1 0 miżuri oħra ta' ġid għan-nies
Servizz professjonali
mingħajr ħlas ta'
avukati u periti
għal dawk milquta
mill-kostruzzjoni
About the advertiser
MaltaGov
@MaltaGov
206.4K followers • Government organisation
@maltagov
27.9K followers
More info
Il-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta | The Official Page of the Government of Malta
Beneficiary and payer
When targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from an ad and who is paying for it.
Current
Beneficiary MaltaGov
Payer MaltaGov
Close

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

20 ta' Settembru 2024

L-Onorevoli Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/067 dwar reklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari**

Irċevejt ilment fejn qed jiġi allegat li inti, kif ukoll diversi Ministri u Segretarji Parlamentari, ksirtu l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Fl-imsemmi ilment, saret referenza għal reklam partikolari li allegatament huwa mħallas minn fondi pubbliċi u deher fil-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta fuq Facebook, li hija amministrata mill-Uffiċċju tiegħek. Dan ir-reklam jinkludi filmat fejn tidher inti bħala Prim Ministru, kif ukoll diversi Ministri u Segretarji Parlamentari.

L-istess ilment huwa bbażat fuq l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Dan l-ilment qiegħed jiġi wkoll kunsidrat fid-dawl tal-paragrafi 1.5, 2.3(c) u 3.5 tal-linji gwida li ġew maħruġa fit-2 ta' Awwissu 2021 mill-Kummissarju preċedenti bil-għan li jikkjarifika kif għandhom jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet relevanti tal-kodiċi ta' etika ministerjali f'każi li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern.

Għalhekk, in linea mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika u tal-linji gwida surreferiti, inti mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment, u b'mod partikolari tgħidli:

- X'kienu l-ispejjeż għall-produzzjoni tal-filmat, kif ukoll l-ispejjeż assoċjati max-xandir tiegħu;
- Jekk tikkonsidrax illi d-dehra tiegħek u tal-Ministri u Segretarji Parlamentari konċernati kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

- Jekk ir-riklam in kwistjoni jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-Eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali;
- Jekk ir-riklam jaffetwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna uffiċjali tal-Gvern ta' Malta fuq Facebook, u li l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzata minn uffiċjal pubbliku.

Ġentilment mitlub twieġeb mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2024**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT 3

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

30 ta' Ottubru 2024

L-Onorevoli Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/067 dwar reklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari**

Fl-20 ta' Settembru 2024, jiena ktibtlek sabiex nirreferilek ilment u nitlob il-veduti tiegħek dwaru. Tlabt tweġiba wkoll għal xi domandi speċifiċi in konnessjoni mal-ilment. Din l-ittra hija annessa.

Bi żvista, l-ilment ma ġiex anness mal-ittra in kwistjoni. Għalhekk l-ilment qiegħed jiġi anness ukoll.

Ġentilment mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar l-ilment u twieġeb id-domandi speċifiċi li huma elenkati fl-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-20 ta' Settembru 2024. Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 29 ta' Novembru 2024**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.mt www.standardscommissioner.mt

DOKUMENT4

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

31 ta' Ottubru 2024

Prim Imħallef Emeritu Dr. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

**Rif. Każ Nru. K/067 – dwar reklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari**

Għażiż Sur Kummissarju,

Niktiblek b'riferenza għall-ittra tiegħek datata 30 ta' Ottubru 2024 rigward il-każ hawn fuq imsemmi.

Ngħarrfek illi bi żvista, l-ewwel ittra tiegħek datata 20 ta' Settembru 2024 ma nġibietx għall-attenzjoni tiegħi. Għalhekk, ser nkun qed nwieġeb għall-ilment mertu tal-każ saż-żmien indikat minnek fl-ittra tat-30 ta' Ottubru 2024.

Għoddni tiegħek,

Robert Abela
**Prim Ministru**

DOKUMENT 5

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

29 ta' Novembru 2024

Għażiż Kummissarju,

**Dwar: Każ K/067 dwar reklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari**

Nirreferi għall-ittri tiegħek tal-20 ta' Settembru 2024 u tat-30 t' Ottubru 2024 dwar il-każ fuq imsemmi u nwieġeb għall-istess bil-mod segwenti.

L-ilment jikkonċerna avviż intitolat "*10 Miżuri fl-Aħħar Ġimgħat*" li oġġettivament, u fattwalment, jilħaq l-għan waħdieni li jipprovdi tagħrif [konċiż] ta' xejra informattiva, u mhux ta' propaganda politika, dwar għaxar miżuri mwettqa mill-Gvern f'diversi oqsma soċjali, fosthom is-saħħa, l-ambjent, l-akkomodazzjoni soċjali u oħrajn. Il-kontenut ta' kull wieħed fost il-messaġġi inklużi f'dan l-avviż, li kif ingħad ġa hu wieħed ta' natura prettament informattiva, ma jesprimi ebda kritika, u lanqas ma jikkontjeni xi battuta, ta' natura politika fil-konfront ta' dak jew l-ieħor. L-inizjattivi deskritti fl-istess avviż ma jqanqlu ebda kontroversja politika.

Mkien fl-avviż ma jidher xi Ministru jew Segretarju Parlamentari ["membru tal-Gvern"] waħdu u fejn, f'uħud fost ir-ritratti/stampi kontenuti fl-avviż, jidhru xi membri tal-Gvern, dan evidentement mhux bl-iskop illi ssir xi propaganda politika personali għalihom. *In fatti* dawn ir-ritratti jikkonċernaw proprju l-avvenimenti pubbliċi u uffiċjali li fihom gew imħabbra, imnedija jew implimentati l-miżuri relattivi.

Għalhekk l-ilment mertu tal-każ ma fih ebda siwi u hu għal kollox fieragħ u nfondat billi, kif imfisser, l-avviż in kwistjoni ma sarx minn xi membru jew ieħor tal-Eżekuttiv għall-finijiet ta' propoganda politika iżda sar mill-Gvern bil-għan uniku, kif *del resto* hu doveruż fuq l-istess Gvern, li jżomm il-pubbliku mgħarraf bil-ħidma tiegħu u bis-servizzi illi l-pubbliku jista' jipprevalixxi ruħu minnhom minn żmien għal żmien.

Tassew, anke jekk wieħed iħares lejn l-Att dwar ix-Xandir, l-artikolu 36 tal-Att jipprevedi ċirkostanzi fejn il-Gvern hu mogħti d-dritt li jxandar l-avviżi tiegħu ukoll fuq il-mezzi tax-xandir. Dawn l-avviżi fuq ix-xandir pubbliku qatt ma tqiesu bħala reklami iżda, semai, f'każ fejn avviż jew ieħor jieħu xejra polemika jew partiġġjana [- li *del resto* m'huwiex il-każ tal-avviż mertu ta' dan l-ilment-] dawn tqiesu li għandhom jagħtu lok għal dritt ta' risposta, u xejn iżjed (vide inter alia "*Dr. George Borg Olivier noe vs Professur Dr. Carmelo Coleiro noe*" Qorti tal-Appell, 26 ta' Frar 1976). Huwa veru li fiż-żmien meta kienu jsiru diversi kawżi dwar dawn it-tip ta' xandiriet ma kienx hemm l-Att dwar l-iStandards fil-Ħajja Pubblika, iżda xorta huwa rilevanti illi dak iż-żmien ħadd qatt ma allega li dawk ix-xandiriet huma 'reklami' għall-Gvern, u imkien ma sar xi argument abbażi tal-fatt illi fl-istess xandiriet kien jiffigura membru tal-Kabinett li infallibilment u taħt kull amministrazzjoni kien jagħmel dik ix-xandira.

Issa fil-każ tal-lum, il-Gvern qiegħed proprju jeżerċita d-dritt, anzi l-obbligu li għandu bħala *open government,* li jżomm komunikazzjoni ħajja mal-pubbliku dwar ħidmietu, f'dan il-każ billi jipprovdi tagħrif - dwar miżuri soċjali, ambjentali u oħrajn, implimentati minnu - permezz ta' avviż publikat fuq il-pjattaforma soċjali tal-*facebook* – dan kif *del resto* jintużaw mezzi u metodi ta' komunikazzjoni oħra li permezz tagħhom il-pubbliku jiġi infurmat dwar il-ħidma tal-Gvern, ngħidu aħna b'informazzjoni pubblikata fuq is-sit elettroniku tas-"*servizz pubbliku*" u tas-"*servizz.gov*", jew minn banda oħra [biex jingħata eżempju wieħed fost diversi oħrajn] il-pubblikazzjoni ta' *white paper* li tgħarraf lill-pubbliku dwar xi *policy* jew strateġija li l-Gvern ikun beħsiebu jimplimenta f'xi qasam jew ieħor.

Evidenti li l-ilment tal-lum jagħmel parti minn serje strateġika ta' manuvri, mill-aktar ċensurabbli, adoperati minn esponenti fi ħdan il-partit politiku fl-oppożizzjoni, ewlieni fosthom l-ilmentatur de quo, bl-iskop, għal kollox abużiv, li jipprovaw joħolqu *chilling effect* fuq l-abilita' - jew aħjar it-twettiq tal-obbligu - tal-Gvern li jwassal tagħrif lin-nies dwar materji ta' interess jew importanza nazzjonali. *Vide* f'dan ir-rigward id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A"] fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1768/2024/1 MH fl-ismijiet ***"Partit Nazzjonalista vs Public Broadcasting Services Limited",*** permezz ta' liema mandat il-Partit Nazzjonalista saħansitra prova jwaqqaf lill-PBS milli xxandar *spots* b'kontenut informattiv dwar suġġett ta' interess nazzjonali, *ossia* l-miżuri tal-Budget għas-sena 2025.

Għalhekk, fil-każ tal-lum, ma jissussisti assolutament ebda abbuż jew ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika u/jew il-linji gwida ċitati mill-ilmentatur. Anzi, l-unika abbuż li għandu jiġi riskontrat f'dan il-każ, hu dak perpetrat mill-ilmentatur innifsu li bl-ilment tal-lum qed jipprova jagħmel "*muzzle*" / sarima ma' ħalq il-Gvern fil-komunikat tiegħu mal-pubbliku.

Analiżi tad-dispozizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika ċitati mill-ilmentatur b'rabta mal-avviż mertu tal-każ odjern, twassal għal konsiderazzjoniijiet li ġejjin: -

Id-dispozizzjoni 4.9 tal-Kodiċi tal-Etika titkellem dwar id-dover tal-Ministri li jżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku. Kif imfisser ġa, u kif jirriżulta pależement mill-kontenut tal-avviż, dan ma kienx avviż li jwassal xi messaġġ ta' politika partiġġjana u bl-ebda mod ma jċajpar d-distinzjoni li trid tinżamrn bejn ir-rwol ta' Ministru/Deputat u dak ta' membru ta' partit politiku. Tassew, kif imfisser ga, barra li l-kontenut tal-avviż m'huwiex wieħed ta' propoganda politika, fl-istanzi fejn jidhru ritratti bi xbieha ta' membri tal-Gvern, dawn ilkoll jirrelataw ma' avvenimenti pubbliċi u uffiċali li fihom l-istess membri tal-Gvern, fir-rwol u l-kapaċita' uffiċjali tagħhom, ħabbru u nfurmaw lill-pubbliku dwar il-miżuri relattivi. Għalhekk ma jissussisti ebda ksur tad-dispozizzjoni 4.9 tal-Kodiċi tal-Etika.

Id-dispożizzjoni 4.10 tal-Kodiċi tal-Etika titkellem dwar id-dover tal-Ministri li jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku. L-avviż lamentat ma jqanqal ebda kwistjoni ta' non-osservanza ta' dan id-dover billi ma jikkontjeni ebda kumment jew diskors ta' xejra partġġġjana, ma jesponi ebda kritika, u ma jagħmel ebda paraguni ma' ħaddieħor. L-avviż kien skjett u fattwali fil-messaġġ li wassal, li kien prettament wieħed informattiv dwar il-miżuri implimentati mill-Gvern fl-oqsma relattivi.

L-obbligu mnissel minn din id-dispozizzjoni tal-Kodiċi tal-Etika jirrikjedi illi l-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku tkun wahda fattwalment korretta, kif inhu l-każ bl-avviż tal-lum u mhux, kif qed jipprova jdawwarha l-ilmentatur, li tinħoloq projbizzjoni fuq il-Gvern u l-Ministri tiegħu fl-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Mod ieħor, li hu tabilħaqq ir-riżultat abużiv li qed jipprova jikseb l-ilmentatur, jipparalizza lill-Gvern fil-komunikat tiegħu mal-pubbliku b'lezjoni serja tal-prinċipju ta' *open Government* li, kif tirrapporta l-OECD, jiżgura l-ħarsien ta' ***"transparency, accountability and citizen participation"*** fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Gvern[1].

Imbagħad, id-dispozizzjoni 5.3 tal-Kodiċi tal-Etika titkellem dwar id-dover tal-Ministri li jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll li għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.

[1] https://www.oecd.org/en/publications/open-government_9789264268104-en.html#:~:text=This%20report%20provides%20an%20in,and%20South%20East%20Asia%20regions.

Din id-dispożizzjoni għalhekk titratta l-obbligu ta' diligenza fl-infiq ta' fondi pubbliċi, ikun x' jkun l-għan ta' dak l-infiq. Id-dispożizzjoni ma tillimitax lill-Ministri fid-diskrezzjoni tagħhom dwar meta jħossu li jkun meħtieġ illi jintefqu l-flus pubbliċi u għal liema għanijiet. Huwa biss fejn l-infiq pubbliku isir għal għanijiet irrilevanti ghall-amministrazzjoni pubblika jew isir bil-għan ewlieni, ukoll jekk mhux dikjarat, li prinċipalment iservi skopijiet li m'humiex fl-interess pubbliku, li jissussisti ksur ta' dan id-dover.

Fil-każ tal-lum, barra li l-ammont ta' infiq ta' flus biex tinghata l-informazzjoni kien ta' disgħa u erbgħin Ewro sitta u disgħin ċenteżmu (€49.96) u għalhekk de minimis, hu ċar li dan l-infiq kien misthoqq in kwantu meħtieġ għat-twettiq tad-dover tal-Gvern li jgħarraf liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin dwar inizjattivi/miżuri ġodda li ittieħdu minnu u li l-pubbliku issa jista' jipprevalixxi ruħu minnhom - u għalhekk, biex jingħata tagħrif dwar miżuri li huma ta' interess, u anke importanza, għall-pubbliku in ġenerali. Inċidentalment, l-għaxar miżuri mħabbra, li jkomplu jtejbu oqsma varji tas-soċjeta', huma xhieda tal- *"għaqal u bżulija"* eżercitati mill-Gvern fit-twettiq tad-doveri tiegħu, kif proprju trid id-dispozizzjoni 5.3 tal-Kodiċi tal-Etika fuq ċitata. B'hekk evidenti *ictu oculi* li ma jissussisti ebda ksur tad-dispożizzjoni 5.3 tal-Kodiċi tal-Etika.

Finalment, id-dispożizzjoni 7.4 tal-Kodiċi tal-Etika titkellem dwar id-dover tal-Ministri li jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

Din hija dispożizzjoni partikolarment immirata lejn il-klijenteliżmu u lejn l-influwenza mhux xierqa tal-membri tal-Eżekuttiv fil-hidma kwotidjana tagħhom u fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-fergħat tas-servizz pubbliku li minnhom jkunu nkarigati l-istess membri tal-Eżekuttiv.

Meta jagħtu tagħrif dwar is-servizzi tal-Gvern u dwar l-inizjattivi ġodda tiegħu, il-Ministri ma jkunu qegħdin bl-ebda mod jindaħlu fejn ma jesaħħomx jew jimpinġu fuq l-imparzjalita' tas-servizz pubbliku sakemm huma, direttament jew impliċitament, ma jagħtux l-impressjoni li ser jiġi offrut xi vantaġġ lill-partitarji tagħhom jew lil xi persuni partikolari fl-aċċess għas-servizzi mogħtija. L-avviż mertu ta' dan l-ilment bl-ebda mod ma jqanqal xi kwistjoni ta' din ix-xorta u hu nkonċepibbli li jingħad mod iehor.

Daqstant ieħor fil-każ tal-lum ma tissussisti ebda vjolazzjoni tal-Linji Gwida ċitati mill-ilmentaturi.

Qabel kollox jiġi rilevat illi l-Linji Gwida isimhom magħhom, huma linji ġenerali li jagħtu gwida dwar kif jistgħu, dejjem f'termini ġenerali, jiġu interpretati d-dispozizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika, pero' bl-ebda mod ma jissostitwixxu l-istess Kodici jew ma jeskludu li

fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-istess dispozizzjonijiet kull każ jiġi kunsidrat fuq il-mertu proprju tiegħu. Lanqas ma hu, u ma jista' qatt ikun, l-iskop tal-Linji gwida li joħolqu regoli ġodda distinti mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika – jekk mhux ukoll li jissuperawhom.

Dwar l-obbligu li kull każ jiġi kunsidrat fuq il-mertu proprju tiegħu għandu jiġi rilevat illi l-aderenza riġida ma' linja gwida ġenerali b' mod li ma jippermettix li każ jiġi distint minn ieħor jikkostitwixxi dak li jissejjaħ *'fettering of discretion'* u jġib in-nullita tad-deċiżjoni in kwistjoni abbażi ta' żball ta' liġi. B'hekk linja gwida ġenerali kontenuta f' *guidance document* ma tista' qatt tissostitwixxi l-istħarrig oġġettiv li għandu jsir mill-enti deċiżorja, dwar il-fatti partikolari tal-każ li għandha quddiemha, biex tasal għal ġudizzju ekwu, mistħoqq u konformi mal-Liġi – stħarriġ, li fil-każ tal-lum għandu jwassal għaċ-ċaħda tal-ilment *in toto,* ukoll għaliex *in ogni* każ [bla ħsara għal dak li għadu kif ingħad] lanqas vjolazzjoni tal-Linji Gwida ma tissussisti.

Il-Linji Gwida jagħmlu distinzjoni bejn dak li jsejjħu bħala *"Government Advertising"* u dak li jsejhu bħala *"Government Promotional Material"*, fejn fil-każ tal-aħħar [jiġifieri fil-każ ta' *Government Promotional Material*] m'huwiex eskluż li dan il-materjal ikun jinkludi l-ismijiet jew ir-ritratti ta' Ministri. Il-Linji gwida pero' imkien ma jagħtu, imqar l-iċken spjegazzjoni, dwar kif din id-distinzjoni toħroġ mill-artikoli tal-Kodiċi ta' Etika- dan proprju għaliex il-Kodiċi ma jagħmel ebda distinzjoni ta' din ix-xorta kif lanqas ma joħloq restrizzjonijiet, jew jikkwalifika ċirkostanzi, li fihom ismijiet jew ritratti ta' Ministri għandhom jew m'għandhomx jiffiguraw f'tagħrif li jingħata lill-pubbliku mill-Gvern.

Biss f'kull każ, u bla ebda ħsara għall-premess, l-avviż mertu ta' dan l-ilment, għar-raġunijiet imfissra ġa, bl-ebda mod ma jista', jew għandu, jitqies bħala *government advertising*. Anzi hu saħansitra dibattibbli kemm l-avviż mertu ta' dan l-ilment jikkwalifika bħala *"Government Promotional Material"* – sakemm mhux il-każ li l-linji gwida qed jipprospettaw li din it-terminoloġija għandha tinftiehem f'sens tant wiesgħa li tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni/wiri ta' avviżi, bħal dak tal-lum, li għandhom l-għan uniku li jgħarrfu lill-pubbliku dwar il-ħidma tal-Gvern u l-miżuri implimentati minnu, kif *del resto* l-istess Gvern hu obbligat jagħmel in osservanza tal-prinċipji tal-*open government.* Għalhekk ladarba l-linji gwida jipprospettaw ċirkostanzi fejn *government promotional material* jista' jinkludi *"the names or photographs of ministers",* kemm allura aktar u aktar fil-każ tal-avviż tal-lum, li hu prettament wieħed ta' natura informattiva u fejn ir-ritratti li ntużaw bi xbieha ta' membri tal-Gvern intużaw *in their proper context,* huma marbuta sfieq mal-messaġġi informattivi mwassla bl-istess avviż, u jirreferu proprju għall-avvenimenti pubbliċi u uffiċjali li fihom l-istess miżuri ġew imħabbra mill-membri tal-Gvern rispettivi fl-eżerċizzju tad-doveri uffiċjali tagħhom.

F'dan il-kuntest tista' anke ssir riferenza għall-paragrafu 3.7 (b) tal-Linji Gwida fejn, relattivament għall-inklużjoni ta' ritratti ta' Ministri f'kontenut ippublikat, jingħad li dan jitqies aċċettabbli, fost oħrajn jekk "*such content is limited in relation to the rest of the content in the same publication, so as to avoid giving reasonable grounds for belief that the true aim of the publication is to promote the minister*". Fl-assjem taċ-ċirkostanzi hu inkonċepibbli li jingħad li l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż ma saritx biex tingħata informazzjoni dwar inizjattivi tal-Gvern, iżda biex mod jew ieħor tippromowovi xi Ministru, jew il-Prim Ministru.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imfissra, jirriżulta biċ-ċar illi dan l-ilment hu għal kollox fieragħ infondat u għandu għalhekk jiġi miċħud.

Dejjem Tiegħek,

Robert Abela
**Prim Ministru**

Dokument A

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Miriam Hayman LL.D.**

Mandat ta' Inib nru. 1768/2024/1

Partit Nazzjonalista

Vs

Public Broadcasting Services et

Illum 11 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat ir-rikors promotur tal-Partit Nazzjonalista fejn talab illi jinħareġ mandat ta' inibizzjoni biex:

> il- "*...PBS jiġu inibiti milli jkompli jxandar tali spots fuq imsemmija u ġia mxandra, u kull spot ieħor li jikser id-dipożizzjonijiet tal-Artikolu 119, kif ukoll jitlob li l-Awtorita' tax-Xandir tiġi nibita milli tkompli tippermetti lill-PBS ixxandar tali spots , u kull spot ieħor dwar il-budget li fil-fehma tagħha tqis li huwa ta' natura politka partiġġjana, u dan skond l-obbligi tagħha a tenur tal-Artikolu 15 tal-Kap 350, kif ukoll tagħti kull ordni f'każ li l-intimati jaġixxu prima facie kontra din l-Onorabbli Qorti tħoss ikunu xierqa, u dan sabiex jiġu hekk ikkawtelati d-drittijiet tar-rikorrenti, kif naxxenti mill-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u mill-Kostituzzjoni, skond kif imfissra fil-premessi.*"

Rat ir-risposti oppositorji taż-żewġ intimati.

Rat li l-Qorti laqgħet it-talbiet b'mod provisorju b'digriet tagħha datat 1 ta' Novembru, 2024.

Semgħet id-debita trattazzjonijiet, u rat l-atti kollha lilha esebita.

Ikkunsidrat.

**Il-liġi**

Illi dan il-mandat ta' Inibizzjoni għax jinvolvi l-intimati li huma, jaqa' mhux biss fl-ambitu ta' l-artikolu 873(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta imma għandu jissodisfa wkoll *sine qua non* l-elementi stipulati fl-artikolu 873(3) ta' l-istess Kap.

Hu miżmum sew li hemm tlett elementi li jridu jikkoeżistu biex jiġi soddisfatt dak stipulat fl-artikolu 873(1) tal-Kap 12 u ċioe' li jkun hemm jedd, lir-rikorrenti juri li mad-daqqa t'għajn li għandu *prima facie* dak il-jedd li jinħtieġ jipproteġi, li jekk dan ma jseħħx dak il-jedd se jkun kompromess b'mod irreparabbli u irrimedjabbli. Għalhekk anke jekk verament mad-daqqa t'għajn ir-rikorrenti juri li għandu jedd li jista jkun l-oġġett, il-*causa petendi*, li twassal għall-eżami ġiudizjarju, għal *fumus boni juris*, għalhekk għat-tfittxija tad-dritt stabbilit fil-liġi, pero kumuluttivament jinħtieġ li jiġi muri wkoll li jekk mhux kawtelat dan id-dritt jintilef għax m'hemmx rimedju ieħor maħsub.

Is-subinċiż tlieta ta' l-istess artikolu jitlob *sine qua non* żewġ rekwiżiti oħra għaliex dan il-mandat kawtelatorju **daqshekk ta' natura straordinarja**, issa bħall każ in deżami, jekk huwa maħsub kontra *l-Gvern jew Awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga fil-pubbliku fil-kariga uffiċjali tagħha,* allura il-**liġi trid u l-Qorti m'għandiex** toħrog dak il-mandat biss jekk;

> *"...l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed titntalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;..."*
>
> *u* (allura anke hawn ir-rekwiżit huwa kumulattiv),
>
> *l-qorti tkun sodisfatta wara li tisma' l-ispjegazzjoni mogħtija, li kemm il-darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġiudizzju li se jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li qed tiġi miżmuma".*

**Obbligazzjoni di non fare mhux di fare.**

Oltre dan, u marbut mar-*ratio* ta' dan il-mandat, naraw li dan l-att kawtelatorju jista' jintalab u jinħareġ biss jekk intiż biex iżżomm milli ssir xi ħaġa, *di fare non non di fare.*

Magħmula din ir-rassenja qasira ta' dawk li huma l-elementi li jinħtieġu jiġu soddisfatti biex tirnexxi din it-talba, il-Qorti bil-fors trid tibda bil-mod kif ġiet

redatta t-talba ta' dan il-mandat u dan in partikolari fil-konfront tal-intimata Awtorita' tax-Xandir, minn hawn 'l hemm imsejjħa bħala l-Awtorita'.

Kellha raġun l-Awtorita' kemm fir-risposta ukoll fit-trattazzjoni tirrimarka fuq hekk.

It-talba kif redatta hija tali li fil-konfront tagħha ma tistax treġġi. Taqra li l-Qorti hija mitluba li fil-konfront ta' "... *Awtorita' tax-Xandir* din ..*tiġi inibita milli tkompli tippermetti lill-PBS ixxandar tali spots, u kull spot ieħor dwar il-budget li fil-fehma tagħha tqis li huwa ta' natura politika parteġġjana, u dan skont l-obbligi tagħha a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kap 350, kif ukoll tagħti kull ordni tagħha f'każ li l-intimati jaġixxu prima facia kontra li din l-Onorabbli Qorti tħoss ikunu xierqa, u dan sabiex jiġi hekk ikkawtelat id-drittijiet tar-rikorrenti, kif naxxenti mill-kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u mill-Kostituzzjoni...."*

Bla tlaqliq tgħid li dak mitlub huwa nkompatibbli ma l-ispirtu, r-*ratio* u l-għan ta' mandat ta' inibizzjoni u dan tgħidu nonostante li l-Qorti għaddiet biex tilqa' l-istess b'mod provisorju, għax fi-fatt kienet konfidenti lil l-Awtorita, kif fil-fatt irriżulta li ġara, kienet u kellha timxi kif detatt lilha mill-liġi.

Intqal in tematika fid-digriet wara mandat ta' l-istess natura fl-ismijiet **Water Leisure Ltd. U Robert Abela għal kull interess li jista' jkollu vs l-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta** li:

> *"18. Bħala liġi, insibu mniżżel fl-**artikolu 873(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kull ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat;*
>
> *19. Illi l-mandat ma jistax jinħareġ biex iżomm persuna milli tagħmel dak li l-liġi tobbligaha jew tagħtiha s-setgħa illi tagħmel, ukoll jekk dak l-għemil jista' jġib xi ħsara jew skomdu lill-persuna milquta b'għemil bħal dak. Kif imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-digriet tagħha tat-18 ta' Lulju 2008, **Dr. John Gauci noe v. Direttur tal-Kuntratti**,*
>
> *«Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din»;*
>
> *20. Huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma tagħtix lok għal specific performance, iżda għal rimedji oħrajn. Wara kollox, il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni di non fare u mhux di fare (ara **Michael Rizzo et v. Demar Properties Ltd,** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ġunju 2017 u **Carmelo Zerafa v. Nicola Buhagiar**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 t'April 1958);"*

Ġia mall-qari tat-talba speċjalment tat-tieni parti tagħha, fil-konfront ta' l-Awtorita, jirriżulta li din fuq il-premess ma tistax tirnexxi. L-Awtorita' żgur li ma tistax tiġi nibita timxi mod ieħor ħlief kif stabbilit lejha bil-liġi. Hekk għamlet.

Ma jinħtieġ ebda delungar oltre fir-rigward. Inoltre ma ġiex muri liha li fil-fatt l-Awtorita' ppermetiet xi ħaġa milli jsir kif ilmentat.

Li l-Awtorita' tiġi nibita milli tagħmel dak li l-liġi tippermettilha huwa kontro senso. Oltre dan, mandat ta' din in-natura jista' biss iżomm milli jsir mhux jinduċi biex issir xi azzjoni.

Detto ċioe' tara li l-Awtorita', skonta mhux avżata b'dak li kien se jiġi trażmess mill-Public Broadcasting Services, minn hawn 'l hemm il-PBS, l-għada ħadet il-passi neċessarji li jispettaw lilha. Dan jorbot sew ma dak li se jiġi diskuss fir-rigward tar-rimedji u preġudizzju aktar 'il quddiem.

Ikkunsidrat

**Ilment**

Illi r-rikorrenti Partit jibbaża il-jedd tiegħu fuq l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ukoll f' dak stipultat fil-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta. Sintetikament jilmenta minn nuqqas ta' bilanċ u mparzjalita' ta' spots ta' togħma politika li ġew trażmessi mill-PBS li rriklamaw l-budget ta' din is-sena[1]. Jilmenta li b'hekk il-PBS u l-

[1] Esebixxa ukoll USB ta' dan.

Awtorita' huma passibbli għal ksur fil-konfront tal-Partit ta' drittijiet fundamentali tal-Liberta' ta' Espressjoni u Diskriminazzjoni meta jippermettu xandir ta' spots dwar il-budget li huma ta' natura politika.

Ikkunsidrat.

Bla dubbju il-partiti politiċi wkoll huma muniti bid-drittijiet illi fuqhom jistrieħ dan ir-rikors u għandhom kull dritt sagrosant ta' bilanċ f'dak li hu x-xandir nazzjonali dan nonostante li jistgħu jsemmgħu leħinhom fuq l-istazzjonijiet parteġġjani rispettivi. Dan hu l-jedd individwaliżżat.

Huwa wkoll ċert ukoll li l-Partit Nazzjonalista żgur għandu mad-daqqa t'għajn il-jedd kif maħsub ta' bilanċ u imparzjalita' fix-xandir nazzjonali u nuqqas ta' diskriminazzjoni lejh ta' dak trasmess mill-PBS.

Tara ukoll li l-intimata PBS għaddiet li tadixxu lil din il-Qorti bid-dikjarrazzjoni meħtieġa ai terminu tas-sub-inċiż tlieta kif su riferut.[2] L-Awtorita' m'għamlitx din id-dikjarazzjoni, allura anke f'dan ir-rigward il-mandat fil-konfront tagħha huwa nsostenibbli.

[2] Kif ġie verbalizzat fis-seduta

Tqies illi fit-trattazzjonijiet il-Qorti ġiet mhux biss mistiedna li tara l-USB recording ta' l-ispots ilmentati, imma oħrajn esebiti mill-PBS li juru lir-rikorrenti meta kien hu fil-Gvern għamel l-istess, ċioe' xandar spots politiċi marbuta mal-budget.

Bla tlaqliq tgħid li dan ma hu ta' konfort għal ħadd, la għal partit rikorrenti li jilmenta u lanqas għal dak llum fil-Gvern, għax xi darba jew oħra il-folja tinbidel. Donnu fil-verita' ħadd ma jitgħallem xejn nonostante dak li qalet l-Qorti Kostituzzjonali kif ċitat mill-istess partit rikorrenti li donnu hija konswetudni tal-politika bi-partiġġjana maltija lil *winner takes all*[3]. **Frankament kull ma juri il-USB esebit mill PBS li qatt ma jinbiddel xejn ħlief *the players to the game.***

**Proporzjonalita' ta' preġiudizzju.**

Detto ċioe' l-Qorti tqies li għandha issa biex tgħaddi biex teżamina element ieħor kumulattiv li jinħtieġ jiġi sodosfatt biex din it-talba jkollha suċċess.

Dan jirrigwardja l-proporzjon tal-preġiudizzju li se jkun soffert mir-rikorrenti meta mqabbel ma dak li qed jintalab li jiġi miżmum.

---

[3] Hawn kien qed jiġi ċitata deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Partit Nazzjonalista vs Awtorita' tax-Xandir 73/22/1GM u dak li qalet il-Prim Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha.

B'mod sempliċistiku l-Partit Nazzjonalista qua partit fl-oppożizzjoni, ma jridx li jiġi preġudikat politikament għall-mod kif il-Gvern tal-ġurnata jagħżel tramite il-PBS li jirriklama u jippubbliċizza l-miżuri tal-budget. Minn naħa l-oħra pero', naħħi l-interess tal-Gvern tal-ġurnata li jrewwaħ is-suċċess tiegħu mil-lat soċjo-ekonomiku, li budget jiġi spjegat u analiżżat fit-tajjeb u ħażin tiegħu, huwa fudamentali għal dritt kollettiv tan-nazzjon li jkun milqut bih.

Il-Qorti ħasbet ukoll fit-tul għal dak li jikkonċerna spots b'togħma politika u għalkemm tifhem l-argument li fit-trattazzjoni ressaq il-partit biex jfiehem għala l-ispots imxandra kienu ta' natura politika, isib li hu diffiċli tofroq budget u kull riklam tiegħu, ancorche jekk huwa edukattiv, mil-lat politiku marbut miegħu.

Budget in suċċint u mhux biss, ma hu xejn ħlief mod kif il-Gvern tal-ġurnata jkun qed jippjana li għas-sena li ġejja (u oltre) se jonfoq u jimmaniġġja flus tal-pajjiż, kif se jgħin, jagħti u ġieli jieħu tramite taxxi diretti u ndiretti. Kif soċjalment jista' jkun qed jiġu megħjuna ċerta faxxex tas-soċjeta' u investimenti oħra maħsuba.

Dan ikun il-pjan tal-gvern tal-ġurnata li hawn Malta sal-lum jista' jkun Partit jew ieħor. Qajla għalhekk jekk jixxandar li issa dan il-Gvern żid għall-grazzja ta' l-argument xi benefiċċju soċjali, jista' dan jiġi separat li dan għamlu partit minn ieħor. Jistawx dawn ir-reklami suppost edukattivi jsiru b'aktar sensibilta' politika huwa ovvju, jistawx ikunu aktar edukattivi milli ħafna drabi mimlija b'atitudni

*ara kemm tajtek jien aktar minn ħaddieħor* ovvju wkoll, imma terġa tirritjeni l-Qorti li diffiċli li budget f'pajjiż żgħir daqshekk politikament polorariżżat li ma jkunx ta' element politiku, **jiddependi biss il-grad**. Hawn il-Qorti żżomm ukoll f'moħħa dak li qalet l-Awtorita fid-deċiżjonijiet tagħha kif esebiti.[4] Ma tridx li hi tagħżel konflitt ma tali deċiżjonijiet. Pero tibqa' tal-fehma li kull spot ta' budget huwa politiku, **jrid pero jiġi kkontrollat il-grad ta' din id-dosa u rispettat il-bilanċ a favur l-oppożizzjoni fir-rigward**. Għalhekk fuq il-grad ta' politika li jkun infiltrata fi spots dwar il-budget ma tistax ma taqbilx mar-rikorrenti li fejn fil-USB jidher reklam li saħansitra jikkontjeni spjega mill-Prim Ministru tal-ġurnata, dan bħala spot żgur jilħaqq livelli mhux desiderabbli in tematika. Spot edukattiv, spjegattiv, m'għandux għalfejn ikun tali li jirritta li kontro parti biex jilħaqq l-għan tiegħu lejn in-nazzjon.

Hawn tidħol l-Awtorita' li żżomm dan il-bilanċ.

Magħmula din il-premess dwar id-definizzjoni ta' spot politiku, hu opprtun f'dan l-istadju ta' l-eżami tat-tielet element li l-Qorti tagħmel referenza għal digriet li jolqtu dan ir-rekwiżit.

---

[4] Dok EG1 U DOK EG2

Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1296/2019JZM fl-ismijiet **Enas Mhana vs L-Onor Prim Ministru**[5] intqal dan:

> *"Fil-kaz tal-lum, b'__zieda__ ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq ; u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*
>
> *Riferibbilment ghall-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tassubinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f'Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi rimedjat" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, <u>imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq."</u>*

Il-Qorti għażlet li tissenjala dan għax tqies li dan l-eżami jaf ikun ftit sempliċistiku jekk mhux għal kollox perikoluż fiċ-ċirkostanzi. Ma taqbilx għar-raġunijiet li se tispjega li l-eżami tal-preġudizzju jistrieħ biss fuq il-perspettiva tar-rikorrenti. L-eżami ta' tali sproporzjon jinħtieġ li jkun dejjem wieħed oġġettiv bħal kull rekwiżit ieħor f'dan il-mandat.

Dwar l-ispropozjonalita', il-Qorti qieset ukoll dak sottomess lilha mill-intimati illi fil-fatt ir-rikorenti għadda preċedentement biex iressaq kif permess lilu l-

[5] 18 ta' Ottubru, 2019.

ilmenti tiegħu dwar dan l-iżbilanċ ta' riklamar u spots, biex b'hekk l-Awtorita' laqgħet l-ilment ta' l-istess partit u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha relattivi. Tant li l-Awtorita' ordnat lil PBS li talloka 15 il-minuta appositi biex il-Partit Nazzjonalista jkollu fuq ix-Xandir Nazzjonali spots tiegħu fejn jagħti fehmtu, anke kontrarja.

Mhux talli hekk, tali l-istess PBS ġie ordnat li xxandar l-ispots tal-Partit Nazzjonalista bil-logo ta' l-istess Partit u ukoll senjatament, stante lir-rikorrenti ilmenta anke quddiem din il-Qorti li l-ispots ilmentati ġew trasmessi fil-prime time ta' News, li l-ispots tar-rikorrenti jixxandru ukoll fil-*brejk tal-bulettin tal-aħbarijiet tat-8pm*...[6]. Din id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir ġiet aktar tard esebita lilha bid-dokument EG2.

Għalhekk il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax l-isproporzjoni li trid il-liġi marbut ukoll ma dak li hu rimedju effettiv li jkun għad-dispożizzjoni u aktar tenut kont tan-natura straordinarja ta' dan l-att kawtelatorju. Hi x'inhi s-sentiment tar-rikorrenti fil-fatt ilmentat, ir-rimedju offrut żgur imur biex itaffi l-inkwiet u l-ħsiebijiet li jistgħu jinkwetaw.

[6] Dan kif rifless fir-risposta tal-PBS datata 4 ta' Novembru, 2024.

Il-Partit Nazzjonalista kellu u għandu toroq aktar effettivi jekk irid jottjeni rimedju għall-iżbilanċ lamentat minn dan il-mandat. Jista' kif fil-fatt għamel jirrikorri għall-Awtorita' li hija marbuta bil-liġi tassigura l-bilanċ u tipprovdi għalih kif ġia sar. Bid-dewmien li jagħmel dan, li mhux il-każ, jkun qed jitfa' fuqu preġiudizzju għax soluzzjoni għandu u li hija effettiva u immedjata.

Tqies li għalhekk il-Partit ma rnexxilux juri li hu se jbagħti sproporzzjon ta' preġiudizzju jekk dan il-mandat ma jiġix milqugħ. Mod ieħor kieku ma kienx hemm soluzzjoni saħansitra taħt l-Awtorita' tax-Xandir li ma dejqet xejn fil-passat tirradrizza dan. Ladarba mhux biss hemm rimedju għal kull żbilanċ meqjus, imma kull żvantaġġ huwa riadrezzat b'mod li dak l-iżvantaġġ jiġi mwitti, dak ic-*chilling effect* li jista' jbagħti l-Partit għalhekk jitaffa' u jispiċċa jintilef. Mhux biżżejjed lir-rikorrenti juri li hu mdejjaq bli ġara, jinħtieġ li juri wkoll kemm fuq il-miżien ta' proporzjonalita' l-iżbilanċ lejh huwa tant imweri li ma jistax jiġi mneħħi dak il-preġiudizzju tal-*chilling effect* li jilmenta minnu, li tant hu kbir l-iżvantaġġ u ħsara lejh li hija rrimeddjabli biex jiġġustifika l-ħruġ ta' dan il-mandat. In *poche parole* l-iżvantaġġ tiegħu se jkun tali li jikreja spropozzjon *chilling*, kastastrofiku għalih. Il-Qorti qegħda tqies dan fil-kuntest ta' dak li qalet li l-budget fin-natura tiegħu huwa politiku u li kull reklam tiegħu jġor ċertu grad ta' dan, mal-ħtieġa tal-pubbliku li jiġi muri kemm is-sabiħ u l-ikrah tal-miżuri tiegħu. Ma dan torbot ukoll realta tal-mezzi kollha tal-medja li llum huma

faċilment aċċessibbli għal kull partit, aċċessibilta' li tiffavorixxi lil kull minnhom jħossu aggravat b'azzjoni tal-parti l-oħra.

**Tqies ukoll u tenfasiżża illi kieku dan l-aħħar r-rekwiżit kellu biss interpretazzjoni soġġettiva, kull mandat ta' din in-natura, sosdisfatti l-elementi l-oħra jkollu jintleqa' b'konsegwezi imwera għall-amministrazzjoni ta' pajjiżna.**

Hekk l-eżami bil-fors irid jibqa' wieħed oġġettiv, u huwa ukoll dmir il-Qorti li tassigura li ĦADD minn naħħat involuti u oħrajn nteressati fl-eżitu ta' dan il-mandat, jew oħrajn bħala, ma jieħu sopravent fuq l-ieħor.

**Konsegwentement għar-raġunijiet esposti l-Qorti qegħda tiċħad it-talbiet bl-ispejjeż għar-rikorrenti u tirrevoka contrario imperio fejn laqgħet b'mod proviżorju dan il-mandat ta' inibizzjoni.**

**Onor Imħallef Miriam Hayman.**

**Maraya Aquilina Dep. Reġ**

DOKUMENT 6

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

13 ta' Frar 2025

L-Onorevoli Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/067 dwar reklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari**

Nirreferi għall-korrispondenza preċedenti dwar il-każ K/067.

Fl-ittra tiegħi tal-20 ta' Settembru 2024, jiena tlabtek tgħidli fost affarijiet oħra x'kienu l-ispejjeż tal-produzzjoni u x-xandir tal-filmat in kwistjoni. Fir-risposta tiegħek tad-29 ta' Novembru 2024, inti għedtli li l-ammont li ntefaq "*biex tingħata l-informazzjoni*" kien ta' €49.96.

Nifhem li dan l-ammont jirreferi biss għan-nefqa fuq ix-xandir tal-filmat, u ma jinkludix in-nefqa fuq il-produzzjoni tiegħu (inkluż il-ġbid u l-editjar tiegħu, kif ukoll il-ħolqien tal-grafika animata li tidher fih). Għalhekk nerġa' nitolbok tgħidli kemm kienet in-nefqa fuq il-produzzjoni tal-filmat.

Ġentilment mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 28 ta' Frar 2025**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT 7

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

14 ta' Frar 2025

Prim Imħallef Emeritus Dottor Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika
(imwassla bl-id u imejl)

Għażiż Sur Kummissarju,

**RE : Rif. tiegħek K/067**

Niktiblek b'referenza, u bi tweġiba, għall-ittra tiegħek datata 13 ta' Frar 2025.

Ninsab infurmat li ma kien hemm ebda spiża addizzjonali għal dik imsemmija fl-ittra tiegħi tad-29 ta' Novembru 2024, għaliex l-editjar inħadem *in house* minn materjal li kien arkivjat.

Għoddni tiegħek.

**Robert Abela**
Prim Ministru

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

28 ta' Marzu 2025

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi ministri u segretarji parlamentari**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-20 ta' Settembru 2024, u l-korrispondenza li segwiet.

Skont l-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, inti intitolat li tingħata aċċess għall-provi u d-dritt tas-smigħ qabel ma dan l-Uffiċċju jiffinalizza r-rapport tiegħu dwar il-każ.

Dan l-Uffiċċju qagħad fuq ir-risposti pprovduti minnek u ma ġabarx provi oħra. Għaldaqstant m'għandux provi x'jirreferilek għall-finijiet tal-artikolu 18(3).

Permezz ta' din l-ittra, inti qiegħed tingħata l-opportunità biex tagħmel sottomissjonijiet finali. Inti mitlub tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 11 ta' April 2025**. Bħala parti mis-sottomissjonijiet tiegħek, tista' jekk tixtieq tippreżenta provi dokumentarji għall-konsiderazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jew tipproponi li tingħabar xhieda orali.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.mt www.standardscommissioner.mt

**From:** Abela Robert at OPM
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM
**Subject:** RE: Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari
**Date:** Tuesday, 1 April 2025 19:22:54
**Attachments:** image004.png

---

Ghaziz Sur Polidano,
Ninfurmak li ma hemmx il-htiega li nipprevalixxi ruhhi minn xi wahda mil-fakultajiet imsemmija fl-ahhar paragrafu tal-ittra taghkom tat-28 ta' Marzu 2025, partikolarment billi r-risposta tieghi tad-29 ta' Novembru 2024 fiha sottomissjonijiet ezawrjenti.
Ghaldaqstant is-Sinjurija tieghu il-Prim Imhallef Emeritu, qua Kummissarju ghall-Harsien tal-Istandards fil-Hajja Pubblika, jista' jghaddi ghad-decizjoni tieghu dwar dan il-kaz.
Inselli ghalik,

Robert Abela
Prime Minister
Prime Minister Secretariat

t +356 22000000 e robert.abela@gov.mt | primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Friday, 28 March 2025 11:31
**To:** Abela Robert at OPM <robert.abela@gov.mt>
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Subject:** RE: Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor Dr Robert Abela
Prim Ministru

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Nirringrazzjak,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/

---

**From:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Sent:** Friday, 14 February 2025 12:16
**To:** Azzopardi Joseph C at Judiciary <joseph.c.azzopardi@judiciary.mt>; Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Subject:** Re: Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari

Għażiż Sur Prim Imħallef Emeritu,

Ġentilment nitolbok tara l-ittra annessa mingħand il-Prim Ministru Dr Robert Abela.

Nirringrazzjak.
Rachel

Rachel Debono
PA to the Prime Minister
Prime Minister Secretariat

t +356 22000000 e rachel.debono.1@gov.mt | www.primeminister.gov.mt
Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
Auberge de Castille, Valletta Malta

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Date:** Thursday, 13 February 2025 at 14:06
**To:** Abela Robert at OPM <robert.abela@gov.mt>

**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Subject:** Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor Dr Robert Abela
Prim Ministru

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Nirringrazzjak,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/

DOKUMENT 10

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

4 ta' April 2025

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi ministri u segretarji parlamentari**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-20 ta' Settembru 2024 u l-korrispondenza sussegwenti, b'mod partikolari l-ittra tiegħek datata 29 ta' Novembru 2024.

Ikkunsidrajt bir-reqqa l-punti li qajjimt fl-imsemmija ittra, iżda jidhirli li:

(1) Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura tal-Gvern, dan faċilment jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida maħruġa minn dan l-Uffiċċju fit-2 ta' Awwissu 2021 jgħidu li riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi m'għandhomx jinkludu r-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri.

(2) F'dan il-kuntest, il-kelma "ministru" tinkludi kwalunkwe membru tal-Eżekuttiv, inkluż il-Prim Ministru u segretarji parlamentari. Il-filmat li huwa s-suġġett tal-ilment deher fil-paġna fuq Facebook intitolata MaltaGov, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħek.

(3) Huwa minnu li l-Gvern għandu obbligu li jipprovdi informazzjoni. Madankollu, dan ma jiġġustifikax kwalunkwe riklam li jista' jsir mill-Gvern.

(4) Id-dehra ta' ministri fil-filmat li huwa s-suġġett tal-ilment ma tistax tiġi ġustifikata sempliċiment għaliex intużaw ritratti ta' avvenimenti uffiċjali marbuta mal-miżuri li jissemmew fil-filmat. Setgħu faċilment intużaw ritratti oħrajn fil-filmat, li b'hekk kien iwassal l-istess messaġġ mingħajr ma jidhru ministri fih.

(5) Kif jindika l-punt preċedenti, il-kapaċità tal-Gvern li jwassal messaġġ dwar materja ta' interess pubbliku ma tiddependix fuq l-inklużjoni ta' ministri f'riklami uffiċjali. L-ilment ma jittrattax dwar ir-riklam fih innifsu iżda dwar il-fatt li jidhru diversi ministri fih. Għalhekk l-allegazzjoni li l-ilmentatur qed jipprova jxekkel il-komunikazzjoni tal-Gvern mhix relevanti għall-konsiderazzjoni tal-ilment.

(6) Il-linji gwida maħruġa minn dan l-Uffiċċju fit-2 ta' Awwissu 2021 mhumiex maħsuba biex jissostitwixxu jew jissuperaw il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, u lanqas biex joħolqu regoli ġodda distinti minnu. Il-linji gwida huma maħsuba biex jindikaw kif dan l-Uffiċċju għandu jinterpreta l-Kodiċi f'każijiet li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali maħruġ mill-Gvern, sabiex tinħoloq ċertezza f'dan il-qasam. Dan hu spjegat fil-paragrafu 1.3 tal-istess linji gwida.

(7) L-użu tal-linji gwida ma jfissirx li dan l-Uffiċċju ma baqax japplika l-ġudizzju tiegħu dwar kull każ skont il-merti tiegħu. Infatti, fid-9 ta' Jannar 2024 dan l-Uffiċċju ma laqax l-ilment numru 132 dwar ix-xandir ta' intervista li tajt inti, minkejja li f'dak il-każ ma ġewx segwiti l-linji gwida, għaliex deherlu li dak il-każ ma kienx jinkwadra sew fid-dispożizzjonijiet tagħhom.

(8) Id-distinzjoni fil-linji gwida bejn riklami u materjal promozzjonali toħroġ mill-wisgħa tat-terminu "materjal promozzjonali". Il-linji gwida huma maħsuba biex ma jeskludux prattiċi ġustifikabbli bħal, per eżempju, l-inklużjoni ta' introduzzjoni miktuba minn ministru f'pubblikazzjoni uffiċjali tal-Gvern (sakemm ma tinħoloqx l-impressjoni li l-għan veru tal-pubblikazzjoni huwa biex il-ministru jakkwista pubbliċità personali).

(9) Il-linji gwida joħorġu mill-artikoli 4.9, 4.10, 5.3, 5.6, 5.7 and 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, kif jispjega l-paragrafu 1.4 tal-istess linji gwida. Il-linji gwida qegħdin jgħidu b'mod espliċitu dak li għandu jkun evidenti, jiġifieri li dawn id-dispożizzjonijiet jew uħud minnhom ikunu qed jinkisru jekk ministru jakkwista pubbliċità personali permezz ta' riklam imħallas minn fondi pubbliċi.

(10) Dan huwa sostnut mill-artikolu 2 tal-Kodiċi, li jgħid li l-iskop tal-istess Kodiċi huwa li *"jiġu rispettati l-aqwa standards ta' integrità, onestà, trasparenza, kontabilità u sens ta' ġustizzja"*. In konformità ma' din id-dispożizzjoni, ir-riklami uffiċjali għandhom isiru b'tali mod li ma jqajmu ebda dubju dwar l-għan veru tagħhom.

(11) Il-filmat li huwa s-suġġett tal-ilment preżenti xxandar permezz ta' "sponsored post", jiġifieri l-Gvern ħallas biex il-filmat jilħaq udjenza li ma kinitx tarah fl-assenza tal-ħlas. Dan bla dubju jammonta għal riklam, sew skont is-sens komun u sew skont il-paragrafu 2.3(c) tal-linji gwida, li

jinkludi "*boosted or sponsored posts on social media*" fid-definizzjoni ta' riklam.

(12) Il-prinċipju li ministru m'għandux jidher f'riklam uffiċjali jinsab anki fid-digriet tal-Qorti li huwa anness mal-ittra tiegħek. Dan id-digriet jgħid "*Għalhekk fuq il-grad ta' politika li jkun infiltrata fi spots dwar il-budget ma tistax ma taqbilx mar-rikorrenti li fejn fil-USB jidher reklam li saħansitra jikkontjeni spjega mill-Prim Ministru tal-ġurnata, dan bħala spot żgur jilħaq livelli mhux desiderabbli in tematika.*" Fi kliem ieħor, il-Qorti qegħda tgħid li għalkemm kull riklam dwar il-budget jista' jitqies politiku, hemm tragward li m'għandux jinqabeż, u dan ikun qed jinqabeż jekk jidher il-Prim Ministru fir-riklam.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, wasalt għall-konklużjoni li dan il-każ jirrappreżenta infiq mhux ġustifikat ta' fondi pubbliċi; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' Prim Ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura amministrattiva normali n-nefqa fuq il-filmat kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku.

Madankollu, in vista tal-qosor tal-filmat u l-ammont limitat li ntefaq fuqu, dan il-każ jista' jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat. B'hekk il-każ ma jiġix riferut għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-fehma tiegħi, ikun rimedju adegwat jekk inti tibgħatli apoloġija bil-miktub fejn inti tirrikonoxxi li nkiser il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari minħabba n-natura tal-filmat u l-fatt li ġie mxandar permezz ta' sponsored post, u tintrabat li dan il-ksur ma jiġix ripetut minnek fil-futur. Jekk taċċetta din il-proposta u tibgħatli apoloġija f'dan is-sens, jiena nikkwotaha fir-rapport tiegħi u nagħlaq il-każ.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 2 ta' Mejju 2025**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT 11

**From:** Abela Robert at OPM
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM
**Subject:** RE: Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari
**Date:** Monday, 7 April 2025 11:32:38
**Attachments:** image006.png

---

Ghaziz Sur Polidano,
Nikkonferma li rcevejt l-email tieghek t'hawn taht u l-ittra annessa maghha.
Il-posizzjoni tieghi hi identika ghal dik espressa minni fil-kaz l-iehor K/052 (ilment 141).
Nitobok ghalhekk tghaddi din l-imejl lill-Kummissarju.
Inselli ghalik.

Robert Abela


Robert Abela
Prime Minister
Prime Minister Secretariat

**t** +356 22000000 **e** robert.abela@gov.mt | primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Friday, 04 April 2025 13:41
**To:** Abela Robert at OPM <robert.abela@gov.mt>
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Subject:** RE: Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor Dr Robert Abela
Prim Ministru

Nirreferi għall-korrispondenza t'hawn taħt dwar il-każ K/067.

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa tal-Kummissarju għall-Istandards.

Nirringrazzjak,
Charles Polidano


**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/


---

**From:** Abela Robert at OPM <robert.abela@gov.mt>
**Sent:** Tuesday, 1 April 2025 19:22
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Subject:** RE: Każ K/067 dwar riklam mill-Prim Ministru u minn diversi Ministri u Segretarji Parlamentari

Ghaziz Sur Polidano,
Ninfurmak li ma hemmx il-htiega li nipprevalixxi ruhhi minn xi wahda mil-fakultajiet imsemmija fl-ahhar paragrafu tal-ittra taghkom tat-28 ta' Marzu 2025, partikolarment billi r-risposta tieghi tad-29 ta' Novembru 2024 fiha sottomissjonijiet ezawrjenti.
Ghaldaqstant is-Sinjurija tieghu il-Prim Imhallef Emeritu, qua Kummissarju ghall-Harsien tal-Istandards fil-Hajja Pubblika, jista' jghaddi ghad-decizjoni tieghu dwar dan il-kaz.
Inselli ghalik,


Robert Abela
Prime Minister
Prime Minister Secretariat

**t** +356 22000000 **e** robert.abela@gov.mt | primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*


---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Friday, 28 March 2025 11:31
**To:** Abela Robert at OPM <robert.abela@gov.mt>